# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 9**

**Citaz. Nru. 2010/99GV**

Doc. 140-01

**John Peel ghan-nom u in-rapprezentanza tal-kumpanija Standard Publications Limited**

**-vs-**

**SG Consultants Ltd gia bl-isem SG Advertising Ltd**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-kumpanija attrici tinsab kreditrici tal-kumpanija konvenuta fis-somma ta' elf seba' mija wiehed u erbghin Lira Maltin sebgha u hamsin centezmi (Lm1,741.57) kwantu ghal elf u seba' mitt Lira Maltin (Lm1,700) dovuta bhala prezz ta' zewg publikazzjonijiet inseriti fil-gazzetta 'The Malta Independent on Sunday' u kwantu ghal wiehed u erbghin Lira Maltin seba' mija u hamsin centezmi (Lm41.57) prezz ta' diversi avvizi *advertising* fl-istess gazzetta kollox skond ma jirrizulta mill-kont hawn anness markat Dok. A, u

Premess illi l-kumpanija konvenuta, ghalkemm interpellata diversi drabi, ma halsitx is-somma dovuta, u

Premess illi l-kreditu tal-kumpanija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-kumpanija konvenuta ma ghandha l-ebda difiza valida kontra it-talba tal-kumpanija attrici.

Il-kumpanija attrici talbet lil din il-Qorti:

1 taghti s-sentenza taghha u tilqa' t-talba tal-kumpanija attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza u dana kif provdut fl-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili; u

2 tikkundanna minnufih lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici l-imsemmija somma ta' elf seba' mija wiehed u erbghin Lira Maltin sebgha u hamsin centezimi (Lm1,741.57) dovuta lilha kif fuq inghad u ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-13 ta' Settembru, 1999 u bl-imghax ta' 8% fis-sena mill-31 ta' Dicembru, 1998 data ta' l-ahhar *invoice*, kontra l-kumpanija konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tal-kumpanija konvenuta SG Consultants Limited a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

1 Preliminarjarment u minghajr pregudizzju, l-attur nomine ma talabx lis-socjeta' konvenuta tigi dikjarata li hija, *dato ma non concesso*, verament

debitrici tieghu u ghaldaqstant ic-citazzjoni hija monka u l-istess socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2 Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta qatt ma nkarigat lill-attur nomine kif hemm allegat fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu,

3 Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inkarigu li verament inghata mis-socjeta' konvenuta lill-attur nomine ma giex ezegwit skond il-ftehim.

4 Illi ghalhekk it-talbiet ta' l-attur nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur nomine kemm ta' l-ewwel talba li diga giet michuda u kif ukoll tat-tieni talba rispettivament.

5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' l-attur nomine;

**TALBIET**

L-ewwel talba ta' attur nomine biex dina l-Qorti tghaddi ghas-smiegh tal-kawza skond l-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 kienet giet michuda.

Fit-tieni domanda l-attur nomine talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' elf seba' mija wiehed u erbghin Lira Maltin sebgha u hamsin centezmi (Lm1,741.57), dovuta lis-socjeta' attrici ghal zewg publikazzjonijiet inseriti fil-gazzetta 'The Malta Independent on Sunday' u ghall-*advertising*.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li: c-citazzjoni hija monka billi l-attur nomine ma talabx li jigi dikjarat li l-konvenuti huma debituri fil-konfront taghhom; is-socjeta' konvenuta qatt ma nkarigat lill-attur nomine kif allegat fic-citazzjoni; l-inkarigu li verament inghata mis-socjeta' konvenuta lill-attur nomine ma giex esegwit skond il-ftehim;

**PROVI**

**L-attur** xehed li skond il-ftehim (ara ittra/fax JP1 fol. 19) huma kellhom jaghmlulhom *advert* qabel ma' jsir l-*insertion*. Dan l-*advert* kellu jkun *free of charge*. Ma l-ewwel *issue* ma kellhomx problemi u thallsu. L-*insertions* saru izda l-*adverts* tat-tieni u tat-tielet *insertion* ma sarux. Skond il-ftehim l-konvenuti kellhom jipprovduhom bl-editorjal biex isiru l-*adverts*. Jekk l-editorjal ma jasalx, l-*advert* ma jkunx jista' jsir. Il-konvenuti ma kienux ser ihallsu tal-*adverts* ghax kienu ser ihallsu tal-*insertions* u l-*adverts* kienu parti mill-*agreement* li huma kellhom jaghtuhomlom b'xejn. Il-*booking orders* huma Dok. JP2 JP3 u JP4. L-ewwel wahda biss kienet thallset.

**Patrick Agius** xehed li hu kien *managing director*. Kien sar ftehim (fol. 19) biex isiru 4 *insertions* fil-*magazine*. Qabel kull *insertion* kellhom isiru avvizi fuq il-

gazzetti. Ta' l-ewwel *issue* saru, izda ta' wara ma sarux billi l-konvenuti kellhom jaghtuhom l-editorjal u *art work* biex ikunu jistghu jaghmlu l-avviz izda ma rcevuhomx. Minn *magazine* ghal iehor kien hemm zmien ta' tlett xhur. Id-diskussjonijiet fuq l-*agreement* kienu saru ma Sarah Tabone. Ma kienux saru oggezzjonijiet dwar l-ewwel *publication*. Fuq it-tieni kien hemm komunikazzjoni (telefonati) li huma ma kienux hargu l-avvizi. Il-konvenuti kellhom jissuplixxu l-kontenut tal-avvizi. Il-konvenuti ma kellhomx oggezzjoni ghall-*agreement*. Ma jafx li l-ewwel pagament sar *under protest*.

**Gordon Valentino** xehed li hu direttur tal-kumpanija konvenuta. Hu kien iddiskuta l-kontenut tad-dok. a fol. 19 ma' Sara Tabone immedjatament meta wasal u ma kienux qablu mal-kontenut tieghu billi l-*agreement* li kellhom ma kienx gie rifless f'dan id-dokument. Kienu kellmu lil Patrick Agius. Ma l-ewwel harga l-atturi ma kienux tawhom *double page spread* fuq il-*magazine* ta' l-Indipendent u r-radio u television *adverts* ma semghux dwarhom. Lanqas dak li kien hemm fid-Dok. a fol. 19 ma gie segwit. Dwar it-tieni harga, rega ma sarx bhal l-ewwel harga, u lanqas ma ghamlu l-*advert*. Il-konvenuti kienu iweghduna li l-posizzjoni kienet ser tigi rrangjata. Mat-tielet harga kienu waqfu billi s-servizz kien dizastruz u mar ghall aghar.

**Sarah Tabone** xehdet li hi direttrici tas-socjeta' konvenuta. Dwar id-Dok. JP1 qalet li dan mhux agreement minn naha taghha izda hija biss fax li hija qatt ma qablet maghha u ma kienitx iffirmat kuntratt. Dwar l-ewwel harga huma kienu hallsu *under protest*. Dan sar verbalment fuq it-*telephone* ma Patrick Agius li kien weghedhom li l-affarijiet ser jinbidlu fit-tieni harga. Fit-tieni harga kull ma sar kien nofs l-*advert* fil-Malta Independent li kien sar fil-harga precedenti. Id-*double page insertion* bhal l-ewwel darba ma harigx. Huma ma kienux sabu koperazzjoni mill-atturi dwar l-editorjali u kellhom diffikolta' biex jaghtuhom ix-xoghol. Mid-dok. A B u C jidher kif is-servizz iddeterjora minn *issue* ghall iehor. L-ewwel harga dok. A

kienet kwazi tajba izda kienet thallset *under protest*. It-tieni harga dok. B it-*teaser advert* hu nofs dak tad-dok. A u ma dehrux l-avvizi l-ohrajn. Dwar id-dok. C it-tielet harga, it-*teaser advert* ma kienx deher u kienet tmien darbiet inqas mid-daqs mill-ewwel darba. Kellhom johorgu *adverts* li ma dehrux.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-konvenuti eccepew li c-citazzjoni hija monka billi l-atturi ma talbux li jigi dikjarat li huma debituri fil-konfront taghhom.

Fit-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenuti fl-ebda hin ma semmew dina l-eccezzjoni jew insistew fuqha. Apparti dana pero' gie deciz diversi drabi minn dawn il-Qrati li dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu ma hemmx bzonn illi jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi (Vol. XXX111-1-666; Vol. XLC p 690). Fil-premessi tac-citazzjoni jinghad li s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-kumpanija konvenuta u mbaghad intalab li l-kumpanija konvenuta tigi kkundannata li thallas. Id-dikjarazzjoni li l-kumpanija konvenuta hija debitrici hija implicita fil-fatt li qed jintalab li hi tigi kundannat thallas lis-socjeta' attrici.

Fit-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta qalet li hi qatt ma nkarigat lill-attur nomine <u>kif allegat fic-citazzjoni</u>. L-atturi qed jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq l-allegat ftehim li jinsab a fol. 19 tal-process li Patrick Agius jghid li kien sar principalment ma Sarah Tabone. Dwar dana d-dokument Tabone xehdet li dan mhux *agreement* minn naha taghha izda hija biss fax li hija qatt ma qablet maghha u ma kienitx iffirmat kuntratt.

Jirrizulta mill-provi li ghalkemm il-konvenuti qed jghidu li huma ma jaqblux ma dana l-*agreement* imma nonostante dana huma mxew fuqu ghall l-ewwel harga u

ma kienux oggezzjonaw ghalih u kienu anke hallsu ta' l-ewwel harga. Fix-xhieda taghha pero' Tabone issa qed tghid li l-pagament kien sar *under protest* u l-unika prova li gabet li dan sar hekk hi li kienet cemplet lill Agius u verbalment ipprotestat; bil-miktub m'hemm xejn. Patrick Agius cahad dan. Taht dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tikkonkludi li l-ftehim a fol. 19 kien wiehed li sar bejn il-partijiet u li jorbothom.

Il-konvenuti eccepew ulterjorment li l-inkarigu li verament inghata mis-socjeta' konvenuta lill-attur nomine ma giex esegwit skond il-ftehim. X'kien dan il-ftehim li verament suppost sar mal-atturi, il-konvenuti qatt ma ndikaw lill-Qorti. Huma dejjem baqghu jimxu fuq dak li hemm fid-dok. a fol. 19 u jghidu li l-atturi lanqas ma dana l-ftehim ma mxew. Minn naha taghhom pero' l-atturi qed jissottomettu li huma mxew fuq dana l-ftehim u kien minhabba n-nuqqas da parti tal-konvenuti li l-ftehim ma setghax jigi segwit. L-atturi spejgaw li huma kellhom jaghmlulhom *advert* qabel ma jsir l-*insertion* u dan l-*advert* kellu jkun *free of charge*. Ma l-ewwel *issue* ma kellhomx problemi u thallsu. L-*insertions* saru izda l-*adverts* tat-tieni u tat-tielet *insertion* ma sarux u dana billi skond il-ftehim l-konvenuti kellhom jipprovvduhom bl-editorjal biex isiru l-*adverts* izda billi dawn ma waslux ma setghux isiru. Jekk l-editorjal ma jasalx l-*advert* ma jkunx jista' jsir.

Dwar dawn l-punti l-konvenuti qed isostnu li huma ma kienux qed isibu kooperazzjoni mill-atturi biex jipprovvdulhom l-editorjal u kull darba li kienu jcemplulhom biex jaghmlu appuntament biex jiehdulhom ix-xoghol kienu jghidulhom li m'ghandhomx cans, li l-persuna nkarigata ma kienitx hemm u li ghandhom nuqqas ta' staff.

Illi l-Qorti wara li qieset il-provi prodotti tasal ghal konkluzzjoni li l-ftehim ma setghax jigi ezegwit mill-atturi minhabba li huma ma kienux qed jigu provduti mill-editorjal li l-konvenuti kellhom jissupplixxu qabel il-harga tal-*magazine*. Fil-fatt

jirrizulta li bejn harga u ohra kien hemm zmien ta' tlett xhur u ghalhekk kien hemm zmien bizzejjed biex il-konvenuti jipprovdu lill atturi bil-materjal biex il-publikazzjoni tkun tista' ssir. Id-diffikultajiet li semmew il-konvenuti ma kienux daqshekk insormontabbli li fi zmien tlett xhur ma kellhomx l-opportunita' li jmorru ghand l-atturi u jaghtuhom ix-xoghol.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-tieni talba attrici.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**